MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 1003/2011

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Tisagina Irina**
**ID 37853A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-28 ta' Novembru, 2011 fejn il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn tnejn u sebghin ewro wiehed u tletin centezmu (€1,272.31) skont il-prospett hawn anness u mmarkat Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, numru tal-kont *A/C 40089133,*

moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda' baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mis-27 ta' April, 2009 kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta ta-21 ta’ Gunju, 2013 u filfatt il-konvenuta naqets li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn tnejn u sebghin ewro wiehed u tletin centezmu (€1,272.31) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar pagament sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------